# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

JANNAR 2019 – Ħarġa Nru: 166




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'INHI R-RAĠUNI..?!

Kif ħafna jafu, fix-xitwa, aħna s-saċerdoti nagħmlu dawk li nsejħulhom "home visits" – żjarat fid-djar li fihom ukoll inbierku l-familji u nibqgħu nitkellmu mal-membri tal-familji xi ftit aktar minn dak li nsejħulu "t-tberik".

Problema li qed tispikka ħafna drabi, hija dik tas-separazzjonijiet. Irridu nammettu li dawn qed jiżdiedu. Waħda mill-weġgħat kbar tal-ġenituri – u dan bir-raġun, hija s-separazzjoni ta' wliedhom miżżewġin. Rajt kemm-il darba ġenituri li meta jirrakkuntawli s-sitwazzjoni ta' wliedhom, jgħidu dan bid-dmugħ f'għajnejhom!

**Diversi raġunijiet**

Allura x'inhu jwassal għal dan? Ir-raġunijiet huma diversi u qatt ma jkun hemm raġuni waħda biss:

* Minħabba x-xogħol, illum il-koppja qed jgħaddu aktar ħin barra mid-dar milli ġewwa fiha;



* Meta jirritornaw lura d-dar, tarahom jerġgħu jaqbdu l-karozza u jduru b'uliedhom għall-privat u attivitajiet extra-kurrikulari;
* Meta jidħlu d-dar flimkien, ikunu diġà għajjenin u jkun fadlilhom isajru, jieklu, inaddfu u jfittxu jmorru jorqdu għax l-għada ġurnata oħra ta' xogħol;
* Fil-week-end iridu jwettqu xogħol bħal tindif u ħasil, u anke ħidma relatata max-xogħol tagħhom li ma jlaħħqux matul il-ġimgħa.
* Korsijiet ta' studju għall-avvanz tal-individwu li jkompli jnaqqas il-ħin kwalitattiv mal-familja.

Din it-tip ta' ħajja, ġurnata wara l-oħra, tibda tħalli l-effetti tagħha fuq ir-relazzjoni bejn il-koppja. Mingħajr ma jindunaw, jibdew jieħdu 'l xulxin *for granted* u jibdew isiru stranġieri għal xulxin. Uħud jibqgħu flimkien a benefiċċju tat-tfal. Meta t-tfal imbagħad jitilqu mid-dar, ma jkunux kapaċi jibqgħu flimkien għax l-imħabba ta' bejniethom ma tkunx ġiet ikkultivata.

**L-imgħoddi tagħna**

Tajjeb insemmu wkoll, li wħud jisseperaw mhux għax ikunu inkompattibbli għal xulxin, jiġifieri jkunu karattri għal kollox kontra xulxin, iżda għax xi ħadd minnhom, jew it-tnejn li huma, ikollhom ċerti *blockages* fil-karattri tagħhom li jimpedixxu l-komunikazzjoni bejniethom. Dan ikun ġej minn ċerti esperjenzi iebsa tal-imgħoddi li jkunu għadhom ma fiqux minnhom, ngħidu aħna swat, *bullying*, nuqqas ta' apprezzament, fallimenti, paraguni ma' ħuthom jew sħabhom... u oħrajn. Dan kollu jħalli effett qawwi fuq l-individwu li jekk

ma jagħrafx jintegra dawn l-esperjenzi tal-imgħoddi fil-ħajja tiegħu, jafu joħloqu ħafna diffikultajiet meta jiġi biex jaqsam ħajtu ma' persuna oħra.

Dan, biex ma nsemmix in-nuqqas ta' mistrieħ li jġib ħafna *stress* fl-individwu kif ukoll in-nuqqas ta' ħajja ta' fidi, kemm għax ma jsibx ħin għaliha kif ukoll minħabba l-bruda. Dan qed ngħidu biex nifhmu li jeżistu ħafna raġunijiet għala koppja tasal biex tinfired jew tissepara.

**X'l-aħjar nagħmlu?**

Tajjeb, għalhekk, naraw x'jista' jżomm koppja flimkien "sa mal-mewt tifridhom".

* Żjarat għand psikolgu jew counsellor (qabel jew wara ż-żwieġ), biex wieħed jagħraf lilu nnifsu aħjar. Dan iwassal biex jekk ikun hemm xi diffikultà partikulari, din tiġi identifikata u ssir ħidma fuqha;
* Ħin ta' komunikazzjoni personali f'xi ħin tal-ġurnata, jekk jista' jkun bejn il-koppja waħedhom, fejn jagħmlu evalwazzjoni tal-imġieba tagħhom;
* Ħin ta' mistrieħ sura ta' nies, kemm fuq livell individwali kif ukoll bħala koppja, biex innaqqsu l-ġenn li jwassal għal aktar rabja lejn xulxin u lejn l-ulied;
* Tnaqqis ta' dak kollu li nistgħu ngħaddu mingħajru sabiex niddedikaw il-ħin tagħna għal dak biss li hu essenzjali f'ħajjitna. Dan jgħodd għax-xogħol, l-apparenza, il-mod kif norganizzaw l-okkażjonijiet tal-familja...
* Tisħiħ tal-fidi tagħna billi nkunu regolari għall-quddiesa tal-Ħadd u s-sagramenti;
* Ftit talb kuljum billi fis-skiet, nixgħelu xemgħa u naqraw silta żgħira mill-Evanġelju u nirriflettu fuqha.

Naħseb dawn il-punti li semmejt, jistgħu jgħinu mhux ftit lill-koppji tagħna biex il-kelma li darba taw fuq l-altar li jkunu ta' xulxin għal dejjem, tibqa' rejali sal-mewt. Irridu nemmnu li, iva għadu possibli li tnejn li taw kelmithom lil xulxin ikomplu jonorawha sat-tmiem... basta jagħmlu użu mill-mezzi li l-ħajja miżżewġa titlob minna.

Dun Evan

---

# Ix-xahar ta' Jannar: X'INHU L-EKUMENIŻMU?!

F'dan ix-xahar, bejn it-18 u l-25, isir dak li jissejjah l-**Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara**. Ikoll nafu li l-Kristjani mad-dinja kollha m'humiex miġburin fi Knisja waħda imma f'diversi. L-Ekumeniżmu jfisser l-isforzi li jsiru biex dawk kollha li jemmnu u huma mgħammdin fi Kristu bħal: Kattoliċi, Ortodossi, Kopti,



Protestanti li jinkludu l-Anglikani, Luterani, Kalvinisti, Episkopiljani, Battisti u diversi oħrajn, jingħaqdu dejjem aktar bejniethom. L-Ekumeniżmu ma jinkludix lir-reliġjonijiet l-oħra li ma jemmnux fi Kristu bħall-Musumani, Buddisti, Lhud, Hinduisti u oħrajn. Ma' dawn isir djalogu differenti minn dak li jsir bejn dawk kollha li jemmnu fi Kristu.

**L-akbar mumenti ta' firda fl-istorja**

* Dik li baqgħet magħrufa bħala x-**Xiżma l-Kbira** meta l-Knisja tal-Punent (il-Latini jew il-Kattoliċi) inqagħtet għal kollox minn dik tal-Lvant (l-Ortodossi) fl-1054. L-ewwel waħda kellha s-sede tagħha f'Ruma u tat-tieni, f'Kostantinopli fejn hemm Istanbul illum. Għalkemm ir-raġuni li tingħata hi n-nuqqas

ta’ ftehim dwar punt dottrinali – jekk l-Ispirtu s-Santu hux ġej mill-Missier u l-Iben kif aħna l-Kattoliċi nistqarru fil-Kredu, jew kif jemmnu l-Ortodossi, li ġej mill-Missier biss, kien hemm ukoll konnotazzjonijiet politiċi li wasslu għal qasma bejn il-Punent u l-Lvant.

* **Ir-Riforma Protestant**a tal-1517 mibdija minn Martinu Luteru fil-Ġermanja li mbagħad xterdet fl-Ewropa ta’ Fuq minn Żwingli, Kalvinu u oħrajn. Bħala parti minn dan il-proċess, nibet ukoll l-Anglikaniżmu fl-Ingilterra meta r-Re Neriku VIII iddikjara lilu nnifsu bħala l-Mexxej Suprem fuq l-art tal-Knisja fl-Ingilterra. L-istess hawn, għalkemm jidher li din il-firda seħħet minnhaba r-rifjut tal-Papa li jagħti permess lir-Re jiżżewweġ lil Anna Bolena wara li kien issepara minn martu, kellha wkoll raġunijiet politiċi.

Dawn iż-żewġ firdiet kbar fi ħdan il-Knisja ġabu weġgħat kbar u anke tgħajjir u skomuniki miż-żewġ naħat, b’diversi effetti li għadhom jinħassu sal-lum! Insemmu wkoll il-gwerer li qamu fl-Ewropa bejn il-pajjiżi li baqgħu jħaddnu t-twemmin Kattoliku u dak Protestant.

**Inizjattivi għall-għaqda**

Il-Konċilju Vatikan II, permezz tad-digriet “Unitatis Redintegratio”, imbotta ħafna l-aġenda ekumenika biex il-Knejjes insara jwarrbu bil-mod il-mod, id-differenzi u jingħaqdu dejjem aktar bejniethom bħala xhieda tal-Mulej Ġesù.

Matul is-snin twaqqfu kummissjonijiet biex jaraw f’liema setturi jistgħu jikkollaboraw u jitwarrbu l-firdiet, speċjalment dwar punti dottrinali u storiċi. Saret ħidma wkoll biex tittaffa l-animożità li kien hemm kontra xulxin, speċjalment bejn il-Kattoliċi u l-Ortodossi tal-Lvant u l-Kattoliċi u l-Protestanti.

It-triq ma kinetx ħafifa għax kien hemm ħafna sfiduċja f’xulxin, imma bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u r-rieda tajba, saret ħafna ħidma mhux



biss fl-uffiċini iżda anke fir-relazzjonijiet tal-membri tal-kummissjonijiet bejniethom.

Il-Papiet ta’ wara l-Konċilju, kollha ħadmu biex dan il-moviment ikompli miexi ’l quddiem mhux biss bejn il-Kristjani iżda anke ma’ reliġjonijiet oħra. Saru ħafna sforzi biex dan iseħħ. Ġrajja importanti kienet il-laqgħa storika wara sekli sħaħ ta’ firda, bejn il-Kap tal-Knisja Kattolika, Pawlu VI u dak tal-Knisja Ortodossa tal-Lvant, il-Patrijarka Athenagoras. Dawn iltaqgħu flimkien fl-1964 meta Pawlu VI żar l-Art Imqaddsa. L-istess Papa, mbagħad iltaqa’ mal-Arċisqof ta’ Canterbury, Michael Ramsey, il-Kap tal-Knisja Anglikana, fl-1966. Insemmu wkoll iż-żjara li għadu kif għamel is-sena l-oħra, il-Papa Franġisku fl-Iżvezja f’għeluq il-500 sena mill-bidu tar-Riforma Protestanta. Dawn l-inizjattivi kollha jqarrbu l-Kristjani lejn xulxin biex jittaffa dejjem aktar l-iskandlu tal-firda.

**Fejn irridu naslu?**

Għalkemm mhux l-iskop li l-Kristjani kollha jingħabru fi Knisja waħda taħt kap wieħed, iżda irridu naħdmu għal aktar komunjoni, minkejja d-diversità ta’ duttrina, liturġija, tradizzjonijiet u oħrajn.

Aħna lkoll imħeġġin biex matul din il-ġimgħa speċjali, nitolbu u anke ninfurmaw ruħna dwar ħutna nsara fi knejjes oħra, biex narrikkixxu aktar lilna nfusna u fl-istess ħin, nifhmu aktar lil xulxin meta niltaqgħu magħhom.

## NILTAQGĦU NHAR ... JANNAR 2019

**Tlieta 1**: **Solennità ta' Marija Omm Alla**. Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd. Wara kull quddiesa, fuq iz-zuntier tas-santwarju, isir ġbir għad-Dar tal-Providenza fl-okkażjoni tal-Festa ta' Ġenerożità. Is-somma miġbura tiġi ppreżentata filgħaxija waqt il-maratona.
**Ġimgħa 4**: L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
**Is-Sibt 5:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 6**: **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**. Jitħabbru l-festi ewlenin ta' matul is-sena. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni Solenni. Wara qima lix-xbieha ta' Ġesù Bambin.
**Ħamis 10: L-403 anniversarju** mit-twaqqif tal-parroċċa mill-Isqof Baldassere Cagliares fl-10 ta' Jannar 1616. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr bis-sehem tal-kor Notre Dame. Mistednin il-lajċi kollha impenjati. Wara, jiltaqgħu flimkien fil-Mużew tas-Santwarju.
**Ġimgħa 11**: Fis-7.30pm laqgħa għall-**Katekisti** kollha tal-parroċċa u drinks.
**Ħadd 13**: **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**.
**Ġimgħa 18**: Jibda l-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara jibqa' sejjer sal-25 ta' Jannar.
**Ħadd 20: It-2 Ħadd ta' matul is-sena.** Fil-parroċċa niċċelebraw *Jum il-Migranti u r-Rifuġjati*. L-immigranti Kattoliċi huma mistiedna għall-quddiesa tal-5.30pm.
**Ħadd 27: It-3 Ħadd ta' matul is-sena.** Fl-10.00am, l-ewwel **seminar** ta' formazzjoni għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-ewwel Tqarbina dis-sena.

# DATI IMPORTANTI GĦALL-2019

Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa............10 ta' Jannar
Bidu tar-Randan Imqaddes .............6 ta' Marzu
Ħadd in-Nies ...................................10 ta'Marzu
Ħadd il-Palm ...................................14 ta' April
Il-Ġimgħa l-Kbira ...........................19 ta' April
L-Għid il-Kbir...................................21 ta' April
Pentekoste .......................................9 ta' Ġunju
L-Ewwel Tqarbina ..........................15 u 16 ta' Ġunju
Corpus Domini.................................23 ta' Ġunju
Il-Qalb ta' Ġesù...............................28 ta' Ġunju
L-Ewwel Sibt tal-Grazzja ...............7 ta' Lulju
Ħruġ min-Niċċa ..............................5 ta' Settembru
Festa Madonna tal-Grazzja .............15 ta' Settembru
Festa tal-Madonna tar-Rużarju .......6 ta' Ottubru
Griżma tal-Isqof..............................23 u 24 (am) ta' Novembru
L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ..............1 ta' Diċembru

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Ersilia Axisa (94), Emmanuel Axiaq (78), Franca Scicluna Carratello (42), Tereza Bendall (87), Guzeppi Bongailas (84), Carmelo Mercieca (89), Joseph Spagnol (55), Giovanna Buhagiar (89), Manwel Camilleri (71), John Scicluna (79), Alexander Spiteri (45), Joseph Grech (82), Kelly Magri Atkins (41), Mary Anne Pulis (72), Maria Concetta Spiteri (59), Concetta Attard (91), Giovanna Antida Vella (73), Frances Meilaq (84), Francesco Saverino Tabone (92), Louis Pulis (53), Carmel Debono (89), Mario Pulis (84), Grace Buhagiar (74), Emanuel Pisani (80), Grezzju Debattista (87), Alfred Ellul (86), Emmanuel Caruana (87), Louise Pace (90), Giuseppe Farrugia (82), Maria Stella Zammit (81), Joseph Mary Zammit (98), Filomena Camilleri (94), Margaret Faurè (91), Maria Gialanzè (94), Maria Caruana (94), Spiridione Axiaq (83), Carmen Gerada (84), Ludgarda Spiteri (69), Grace Pisani (82), Catherine Zerafa (90).